

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 10.12.2008
KUMM(2008) 859 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali (2007-2013)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina
baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju
multiannwali**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali (2007-2013)

L-iffinanzjar tal-proġetti trans-Ewropej għall-interkonnessjonijiet tal-enerġija u tal-infrastruttura tal-broadband fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku.

Din il-komunikazzjoni fiha proposta għar-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-qafas finanzjarju") skont il-Punti 21 sa 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod.

Il-Punt 21 tal-FII jipprovdi li, fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti, il-Kummissjoni tista' tipproponi r-reviżjoni tal-qafas finanzjarju skont il-limitu tar-riżorsi proprji.

Skont il-Punt 22, kwalunkwe deċiżjoni biex ikun rivedut il-qafas finanzjarju sa '1 fuq minn 0.03% tad-DGN tal-Unjoni Ewropea teħtieġ li ssir b'mod konġunt miż-żewġ partijiet tal-awtorità baġitarja skont ir-regolamenti tal-votazzjoni, stipulati fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 272(9) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita Ewropea. Kwalunkwe reviżjoni ta' aktar minn 0.03% tad-DGN tal-Unjoni Ewropea għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ partijiet tal-awtorità baġitarja, bil-Kunsill li jaġixxi unanimament.

Il-Punt 23 tal-FII jintroduċi numru ta' kondizzjonijiet speċifiċi li l-istituzzjonijiet jeħtieġu li jirrispettaw:

- (1) L-istituzzjonijiet għandhom jeżaminaw l-iskop għall-allokazzjoni mill-ġdid tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura kkonċernata bir-reviżjoni, b'referenza partikolari għal kwalunkwe nuqqas ta' użu mistenni tal-appropriazzjonijiet. L-għan għandu jkun li ammont sinifikattiv, f'termini assoluti u bħala perċentwali tan-nefqa l-ġdida ppjanata, għandu jkun fi ħdan il-limitu eżistenti għall-intestatura.
- (2) L-istituzzjonijiet għandhom jeżaminaw l-iskop għall-ibbilanċjar ta' kwalunkwe żieda tal-limitu għall-intestatura waħda billi jitnaqqas limitu ieħor.
- (3) Kwalunkwe reviżjoni tan-nefqa obligatorja fil-qafas finanzjarju ma għandhiex twassal għal tnaqqis fl-ammont disponibbli għan-nefqa mhux obligatorja¹.
- (4) Kull reviżjoni għandha żżomm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet.

¹ Kundizzjoni li mhijiex applikabbli fil-każ tal-proposta preżenti.

1. ĦTIĠIET TA' FINANZJAMENT ADDIZZJONALI MINĦABBA ĊIKOSTANZI MHUX PREVISTI

Fis-26 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni għamlet proposta komprensiva għal Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku li jimmira għall-użu u l-koordinazzjoni tal-istrumenti kollha li huma disponibbli lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha biex tirreaġġixxi għar-reċessjoni, li qiegħda tiffaċċja l-ekonomija Ewropea bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja². Kriżi ta' dan il-livell, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija globali għandha tirrappreżenta ċirkustanza mhux prevista fi ħdan it-tifsira tal-Punt 21 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006³. Issejjaħ għall-azzjoni mingħajr dewmien, ambizzjuża u mmirata tajjeb, bħal ma hi proposta fil-Pjan Ewropew biex l-Eekonomija Tirkupra.

Il-Pjan jipprevedi stimulu fiskali koordinat ta' madwar EUR 200 biljun, jew 1.5% tal-PGD, b'madwar EUR 170 biljun provduti minn azzjonijiet fil-baġits propji tal-Istati Membri, u madwar EUR 30 biljun bħala azzjoni fuq il-livell tal-UE fi ħdan il-baġit tal-UE u mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-UE lil dan l-istimolu, il-Pjan jipproponi li jtejjeb l-interkonnessjonijiet tal-enerġija u l-infrastruttura tal-broadband billi timmobilizza EUR 5 biljuni oħra għas-snin 2009 u 2010. Li jkunu aċċelerati l-investimenti f'dawn l-oqsma bħala parti minn ċaqliq strutturali lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju hu kkunsidrat li joffri benefiċċji immedjati kif ukoll għal tul ta' żmien lill-Unjoni.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata kollha kemm hi fid-dixxiplina tal-baġit kif stapulat fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006. Fil-kuntest ta' kriżi ekonomika ta' daqs bħal qatt qabel, il-Kummissjoni tissuġġerixxi, iżda, li jinxtraw ammonti disponibbli fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju li inkella se jibqgħu ma jintefqux.

2. L-AMBITU GĦALL-ALLOKAZZJONI MILL-ĠDID TAL-INFIQ TAĦT IL-LIMITU TAL-INTESTATURA 1A

Skont il-Punt 23 tal-FII, il-Kummissjoni eżaminat il-possibilità ta' allokazżjoni mill-ġdid tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura kkonċernata bir-reviżjoni proposta, b'referenza partikolari għal kwalunkwe nuqqas ta' użu mistenni tal-appropriazzjonijiet. Jidher li l-programmi kollha ġew adottati bil-pakketti rispettivi tagħhom mingħajr possibbiltà li f'dan l-istadju jiġu allokati mill-ġdid jew li l-pakketti jkunu mfassla mill-ġdid b'mod sinifikanti fi ħdan il-limiti annwali. Barra minn hekk, l-iskop tar-reviżjoni proposta hu li tipprovi modi addizzjonali biex ikun operat iċ-ċaqliq lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, skont l-approċċ tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku, mingħajr ma dan ikun ta' detriment għall-programmi oħra ta' prijorità u attivitajiet iffinanzjati taħt l-Intestatura 1A

Il-Punt 13 tal-FII jipprovi li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jiżguraw li jitħalla "marġini suffiċjenti" disponibbli taħt il-limiti. Skont l-aħħar pprogrammar finanzjarju⁴, il-marġini disponibbli taħt il-limiti tal-Intestatura 1A għas-snin 2009-2013 jammontaw għal total ta' EUR 684 miljun. Il-Kummissjoni tikkonkludi, bil-ħsieb tal-Punt 13 tal-FII, li l-marġini tal-intestatura 1A ma jstgħux jintużaw biex jikkontribuwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet addizzjonali previsti fil-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku.

² COM(2008) 800 finali.

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1)

⁴ SEC(2008)514 ta' Mejju 2008.

3. L-ISKOP GĦALL-IBBILANĊJAR TAŻ-ŻIEDA TA' LIMITU BILLI JITNAQQAS LIMITU IEĦOR

Il-Kummissjoni tikkonsidra li EUR 5,000 miljun jistgħu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-intestatura 1A "Il-Kompetittività għat-Tkabbir u għall-Impjiegi" billi jintuża l-marġini tal-intestatura 2 "il-Preservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali".

Il-marġini disponibbli jew previsti għall-intestatura 2 huma ta' EUR 3,600 miljun fl-2008 u EUR 3,850 miljun fl-2009.

Il-marġini konsiderevoli previsti għall-2009 hu prinċiparjament minħabba l-livell għoli ta' dħul assenjat, li hu stmat f'dik is-sena (EUR 1,050 miljun) u l-ammont għoli ta' dħul assenjat li hu trasferit mill-2008 (EUR 1,340 miljun). Hu spjegat ukoll mil-livell baxx ħafna tan-nefqa tas-suq.

Konsegwentement, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-limiti annwali għall-appropriazzjonijiet għall-impjenji taħt l-intestatura 1A b'EUR 3,000 miljun għall-2009 u b'EUR 2,000 miljun għall-2010. Din iż-żieda se tkun ibbilanċjata bi tnaqqis tal-limiti annwali għall-appropriazzjonijiet għall-impjenji taħt l-intestatura 2 b'EUR 3,500 miljun għall-2008 u b'EUR 1,500 miljun għall-2009.

Din id-deċizzjoni ma għandhiex tippredetermina l-għoti ta' fondi tan-nefqa tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Dwar it-tnaqqis tal-intestatura 2, il-Kummissjoni tintrabat li tiegħu l-miżuri kollha xierqa biex tiżgura li d-deċizzjonijiet meħuda dwar in-nefqa tal-PAK u l-ifinanzjar tagħha, inkluż il-ftehim dwar il-Verifika tas-Saħħa, huma rispettati.

4. IŻ-ŻAMMA TA' RELAZZJONI XIERQA BEJN L-IMPENJI U L-ĦLASIJET

Il-Punt 23 tal-FII jirrikjedi wkoll li kwalunkwe revizzjoni għandha tħalli relazzjoni xierqa bejn l-impjenji u l-ħlasijiet.

Ibbażata fuq il-profilu għall-ħlasijiet previsti għall-impjenji addizzjonali taħt l-intestatura 1A u t-tnaqqis korrispondenti għall-ħlasijiet relatati mal-intestatura 2, il-limiti annwali għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet għandhom ikunu modifikati skont dan:

Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet totali (EUR miljun, prezzi kurrenti)	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2007-2013
- il-limitu tal-FII kurrenti ⁵	122 190	129 681	123 858	133 505	133 452	140 200	142 408	925 294
- modifikazzjoni meħtieġa	0	-3 500	-1 110	1 070	1 590	1 450	500	0

Globalment, din il-modifika hi newtrali f'termini baġitarji.

⁵ ĠU L 128 tat-16.5.2008, p. 8 u 9.

5. DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAR-REVIŻJONI PROPOSTA TAL-QAFAS FINANZJARJU

It-tabella t'hawn taħt tiġbor fil-qosor il-bidliet proposti lil-limiti fil-qafas finanzjarju. Dawn l-ammonti huma espressi fil-prezzijiet kurrenti.

Approprjazzjonijiet għall-impenji (EUR miljuni)	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2007- 2013
L-intestatura 1A – Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi	0	0	3 000	2 000	0	0	0	5 000
L-Intestatura 2 –Preżervazzjoni u l-Amministrazzjoni tar-Riżorsi Naturali	0	-3 500	-1 500	0	0	0	0	-5 000
Tibdil totali fl-approprjazzjonijiet għall-impenji	0	-3 500	1 500	2 000	0	0	0	0
Tibdil totali fl-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet	0	-3 500	-1 110	1 070	1 590	1 450	500	0

Dawn il-bidliet jirriżultaw fit-tabella, ta' hawn taħt, tal-qafas finanzjarju fil-prezzijiet kurrenti.

Id-deċizzjoni formali dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju għandha tirreferi għat-tabella bażika miftehma fil-FII, li hi espressa fil-prezzijiet kostanti tal-2004. L-ammonti fil-valuri kurrenti għandhom għalhekk ikunu konvertiti fil-prezzijiet tal-2004 permezz ta' deflatur fiss ta' 2% kull sena, skont il-Punt 16 tal-FII.

QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 RIVEDUT GĦALL-PJAN EWROPEW BIEX L-EKONOMIJA TIRKUPRA

(EUR Miljun - prezzijiet kurrenti)

QAFAS FINANZJARJU (EU-27) RIVEDUT GĦALL-PJAN EWROPEW BIEX L-EKONOMIJA TIRKUPRA

(EUR miljuni - prezzijiet attwali)

APPROPRAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2007-2013
1. Tkabbir Sostenibbli	53.979	57.653	62.700	63.782	63.638	66.628	69.621	438.001
1a Il-kompetittivita` għat-Tkabbir u għall-Impjeg	8.918	10.386	14.272	14.388	12.987	14.203	15.433	90.587
1b Il-koeżjoni għat-Tkabbir u għall-Impjeg	45.061	47.267	48.428	49.394	50.651	52.425	54.188	347.414
2. Il-Preservazzjoni u l-Amministrazzjoni tar-Riżorsi Naturali	55.143	55.693	58.139	60.113	60.338	60.810	61.289	411.525
li minnha: inġiq relatati mas-suq u mal-ħlasijiet diretti	45.759	46.217	46.679	47.146	47.617	48.093	48.574	330.085
3. Iċ-ċittadinanza, il-ħelsien, s-sigurtà u l-ġustizzja	1.273	1.362	1.523	1.693	1.889	2.105	2.376	12.221
3a Il-ħelsien, is-Sigurtà u l-Ġustizzja	637	747	872	1.025	1.206	1.406	1.661	7.554
3b Iċ-Ċittadinanza	636	615	651	668	683	699	715	4.667
4. L- EU bħala attur globali	6.578	7.002	7.440	7.893	8.430	8.997	9.595	55.935
5. L- Amministrazzjoni ⁽¹⁾	7.039	7.380	7.699	8.008	8.334	8.670	9.095	56.225
6. Il-Kumpensi	445	207	210					862
IT-TOTAL TAL-APPROPRAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI	124.457	129.297	137.711	141.489	142.629	147.210	151.976	974.769
bħala perċentwali tal-DGN	1,04%	1,03%	1,05%	1,03%	1,00%	0,99%	0,98%	1,02%
IT-TOTAL TAL-APPROPRAZZJONIJIET GĦALL-ĦLASIJIET	122.190	126.181	122.748	134.575	135.042	141.650	142.908	925.294
bħala perċentwali tal-DGN	1,02%	1,01%	0,93%	0,98%	0,94%	0,95%	0,92%	0,96%
Il-marġini disponibbli	0,22%	0,23%	0,31%	0,26%	0,30%	0,29%	0,32%	0,28%
Il-Limiti tar-Riżorsi Propji bħala perċentwali tal-DGN	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) In-nefqa fuq il-penzjonijiet inklużi taħt il-limiti ta' din l-intestatura hija kkalkulata skont il-kontribuzzjonijiet netti tal-persunal lejn l-iskema rilevanti, fi ħdan il-limitu ta' € 500 miljun fil-prezzijiet tal-2004 għall-perijodu 2007-2013.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod⁶, u partikolarment għall-Punti 21, l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Punt 22, u l-Punt 23 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni⁷,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni lill-Kunsill Ewropew "Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku"⁸, li jimmira għall-użu u l-koordinazzjoni tal-istrumenti kollha li huma disponibbli lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex tirreaġġixxi għar-reċessjoni, li qed tiffaċċja l-ekonomija Ewropea bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja. Kriżi ta' dan il-livell, tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija globali, għandha tirrappreżenta ċirkustanza mhux prevista fi ħdan it-tifsira tal-Punt 21 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.
- (2) Il-Pjan jipprevedi stimulu fiskali koordinat ta' madwar EUR 200 biljun, jew 1.5% tal-PGD, b' madwar EUR 170 biljun ipprovduti minn azzjonijiet fil-baġits propji tal-Istati Membri, u madwar EUR 30 biljun bħala azzjoni fil-livell, u fi ħdan il-baġit, tal-UE u mill-Bank Ewropew tal-Investment.
- (3) Bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għal dan l-istimolu, il-Pjan jipproponi li jtejjeb l-interkonnessjonijiet tal-enerġija u l-infrastruttura tal-*broadband* billi timmobilizza EUR 5 biljuni oħra għas-snin 2009 u 2010. Li jkunu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma bħala parti minn ċaqliq strutturali lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju hu kkunsidrat li joffri benefiċċji immedjati kif ukoll għal tul ta' żmien lill-Unjoni.
- (4) Iż-żieda meħtieġa fil-limitu globali tal-intestatura 1A tista' tiġi bbilanċjata minn tnaqqis fil-limitu għall-intestatura 2 "Il-Preżervazzjoni u l-Amministrazzjoni tar-Riżorsi Naturali" għas-snin 2008 u 2009.
- (5) Sabiex tinżamm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet, il-limiti annwali għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet għandhom ikunu aġġustati.
- (6) L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod tas-17 ta' Mejju 2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

⁶ ĠU C139, 14.6.2006, p. 1

⁷ COM(2008)....

⁸ COM(2008) 800 finali.

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod tas-17 ta' Mejju 2006 jinbidel bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 (rivedut)

QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 (rivedut)

(EUR million - constant 2004 prices)

APPROPRAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2007-2013
1. Tkabbir Sostenibbli	50.865	53.262	56.789	56.636	55.400	56.866	58.256	388.074
1a Il-kompetittività għat-Tkabbir u għall-Impjieg	8.404	9.595	12.927	12.776	11.306	12.122	12.914	80.044
1b Il-koeżjoni għat-Tkabbir u għall-Impjieg	42.461	43.667	43.862	43.860	44.094	44.744	45.342	308.030
2. Il-Preservazzjoni u l-Amministrazzjoni tar-Riżorsi Naturali	51.962	51.452	52.658	53.379	52.528	51.901	51.284	365.164
li minnha: inġenierarji relatati mas-suq u mal-ħlasijiet diretti	43.120	42.697	42.279	41.864	41.453	41.047	40.645	293.105
3. lċ-ċittadinanza, il-ħelsien, s-sigurtà u l-ġustizzja	1.199	1.258	1.380	1.503	1.645	1.797	1.988	10.770
3a Il-ħelsien, is-Sigurtà u l-Ġustizzja	600	690	790	910	1.050	1.200	1.390	6.630
3b lċ-Ċittadinanza	599	568	590	593	595	597	598	4.140
4. L- EU bħala attur globali	6.199	6.469	6.739	7.009	7.339	7.679	8.029	49.463
5. L- Amministrazzjoni ⁽¹⁾	6.633	6.818	6.973	7.111	7.255	7.400	7.610	49.800
6. Il-Kumpensi	419	191	190					800
IT-TOTAL TAL-APPROPRAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI	117.277	119.450	124.729	125.638	124.167	125.643	127.167	864.071
bħala perċentwali tal-DGN	1,08%	1,06%	1,08%	1,06%	1,03%	1,02%	1,01%	1,048%
IT-TOTAL TAL-APPROPRAZZJONIJIET GĦALL-ĦLASIJIET	115.142	116.572	111.177	119.499	117.562	120.897	119.579	820.428
bħala perċentwali tal-DGN	1,06%	1,03%	0,96%	1,01%	0,98%	0,98%	0,95%	1,00%
Il-marġini disponibbli	0,18%	0,21%	0,28%	0,23%	0,26%	0,26%	0,29%	0,24%
Il-Limiti tar-Riżorsi Propji bħala perċentwali tal-DGN	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) In-nefqa fuq il-penzjonijiet inklużi taħt il-limiti ta' din l-intestatura hija kkalkulata skont il-kontribuzzjonijiet netti tal-persunal lejn l-iskema rilevanti, fi ħdan il-limitu ta' € 500 miljun fil-prezzijiet tal-2004 għall-perijodu 2007-2013.